TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 334/10

**Marlon u Roberta Farrugia**
**vs**
**Rocas Diamonds**

Illum 8 ta' Mejju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-7 ta' Settembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' elf u mitt ewro (€1,100), rappreżentanti prezz ta' ċurkett li wara ftit beda joħroġ il-grif.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li hija rappreżentanta tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu xtraw ċrieket mingħand id-ditta intimata li kull darba dawn iċ-ċrieket kienu jimtlew bil-grif, u minkejja li kienu jittieħdu għat-tindif u għal polish, wara ftit jerġgħu jingirfu u dan ma kienx normali.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet illi l-grif ma jsirx waħdu, fis-sens illi jista' jkun li jkunu barrxuhom waqt li jkunu qed jaħdmu, u li mhijiex responsabbli ta' dan.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li eżamina dawn iċ-ċrieket u wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibli stante li anke jekk il-persuna taħdem u tilbes ċurkett, m'għandux jingiref daqshekk malajr, stante li ċurkett qiegħed hemm biex jintlibes.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' tmien mitt ewro (€800), b'dan illi ċ-ċrieket jiġu propjeta' tas-soċjeta' intimata wara li jsir il-ħlas, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21230880